**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 531/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca )**
**vs**
**Johann Delicata**

**Illum 8 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Johann Delicata ta' 38 sena, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 86579M.

Billi akkuzat talli nhar il-11 ta' Settembru, 2017 f'xi hin filghaxija minn gewwa l-istabbiliment bl-isem 'Convenience' Triq Giuseppe Calleja, Msida.

1. Ikkommetta serq ta' kontanti (1500 euro), liema serq huwa aggravat bil-persuna u anka bil-valur li ma jeccedix l-2,329.37 Ewro (elfejn, tlet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu), ghad-dannu ta' l-istabbiliment "Convenience" u/jew persuni/entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(a), 280(1) tal-Kodici Kriminali, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data hin u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, minhabba l-professjoni tieghu, jew minhabba depozitu necessarju jew inkella taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 293, 294 tal-Kodici Kriminali, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 25 ta' Jannar, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, fedina penali, dikjarazzjoni rinunzja ghad-dritt tal-parir legali ma Avukat, stqarrija u current incident report.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2018.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u cioe' fl-ewwel seduta. Rat li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u rat ukoll mill-istqarrija mehuda ta' l-imputat li huwa kkopera bis-shih mal-Pulizija Ezekuttiva u ghalhekk ma tarax li l-Qorti f'dan l-istadju ghandha timponi piena ta'

prigunerija effettiva. Il-Qorti thoss li ordni ta' probation jkun ta' izjed ghajnuna ghall-imputat li jista' juza' din l-opportunita' biex itejjeb hajtu.

**Decide:-**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(a), 280(1), 293 u 294, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda ssib lil Johann Delicata hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih fuq ammissjoni tieghu stess; u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati Johann Delicata sabiex jhallas l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1500) lil Ivan Calleja bhala s-sid ta' l-istabbiliment "Convenience", Triq Giuseppe Calleja, Msida.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-termini tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini ta' l-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jigi sottopost ghalih il-hati.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghti bid-Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficcjal tal-Probation assenjat ghandu jirraport bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull erba' (4) xhur.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**